



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Frar 2026
(OR. en)

5824/26
ADD 1

LIMITE

COPEN 26
DROIPEN 13
JAI 121
ENV 72
RELEX 116
COSCE 4

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0244(NLE)

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali

**Riżerva dwar id-definizzjoni ta' ċerti termini fil-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa
dwar il-Ħarsien tal-Ambjent Permezz tal-Liġi Kriminali**

F'konformità mal-Artikolu 56, il-paragrafu 3, tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (“il-Konvenzjoni”), l-Unjoni Ewropea tiddikjara li, għall-Istati Membri tagħha, il-kunċetti “liġi domestika, regolament, dispożizzjoni amministrattiva jew deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti mmirata lejn il-protezzjoni tal-ambjent” użati għad-definizzjoni tat-terminu “illegali” fl-Artikolu 3(a) tal-Konvenzjoni għandhom ifissru d-dritt tal-Unjoni li jikkontribwixxi għall-kisba ta' wieħed mill-oġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent kif stipulat fl-Artikolu 191(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, jew deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru, li tagħti effett lid-dritt rilevanti tal-Unjoni, inkluż meta r-regoli nazzjonali jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stipulati fid-dritt tal-Unjoni. L-istess tifsira għandha tapplika għall-kunċetti “liġi domestika” u “dispożizzjonijiet domestiċi” użati għall-finijiet tad-definizzjoni tal-imġiba rilevanti skont l-Artikoli 14, 19, 20, 21, 26, 29 u 30 tal-Konvenzjoni. Barra minn hekk, il-kunċetti “protett” u “rekwiżit” użati għall-finijiet tad-definizzjoni tal-imġiba rilevanti skont l-Artikoli 13, 22, 27, 28 u 29 tal-Konvenzjoni għandhom jiġu interpretati f'konformità mal-liġi domestika, kif definit hawn fuq. Din ir-riżerva hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe riżerva jew dikjarazzjoni oħra li l-Istati Membri jaf li jkunu jixtiequ jagħmlu individwalment, fejn permissibbli.